HAL BALZAN

IL-HAMES SENA NRU. 29 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — MEJJU/ĠUNJU 1976

EDITORJAL

★ IL-PITTURA

Jekk hawn ħaġa li l-Balzanin qegħdin jistaqsu dwarha, għax għandhom interess fiha billi kkontribwew għaliha, din hija l-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju. U jekk hawn ħaġa li l-Balzanin jinsabu fil-għama dwarha, għax donnu ħadd ma jaf xejn fuqha jew ħadd ma jrid igħid xejn fuqha, din hija wkoll il-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju. Saret donnha l-misterju ta' Ħal Balzan!

Min igħid ħaġa u min igħid oħra. Min jaħseb li hemm possibilità li sal-festa titulari li ġejja tinkixef parti mill-pittura, u min jaħseb li din il-possibilità ma teżistix. Min iżomm li l-pittur, il-Kav. Emvin Cremona, jinsab ħerqan li jtemm din il-biċċa xogħol, u min isostni li l-pittur m'għandux interess fil-pittura tal-Parroċċa tagħna. Biss uffiċjalment ħadd ma jaf xejn.

Il-Kav. Cremona, milli jidher, qatt ma esprima ruħu minn dak in-nhar li sar il-ftehim bil-miktub bejnu u l-Kumitat tal-Pittura. Iżda llum nafu kemm inżamm dak il-ftehim! Il-Kappillan qatt ma tkellem uffiċjalment ħlief meta ħabbar dan il-ftehim bil-miktub, u dan kien għall-aħħar tas-sajf li għadda. Il-Kumitat tal-Pittura s'issa qatt ma smajna xejn mingħandu minn kemm ilu mwaqqaf f'Mejju tas-sena l-oħra. U sadanittant il-Balzanin għadhom ma jafu xejn dwar dak li għandhom dritt ikunu jafu. Biss, naħsbu li tkun ħaġa ta' min ifaħħarha u tnissel aktar fiduċja li kellu l-poplu jiġi nfurmat b'dak li qiegħed isir.

★ IL-ĠIMGĦA MQADDSA U L-GĦID

Għal sena oħra, reġa kellna funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa organizzati tajjeb. Il-Kappillan reġa għal darb' oħra stampa l-programmi bid-dettalji kollha, u dawn, naħsbu aħna, għenu mhux ftit biex kien hemm konkorrenza hekk sabiħa.

Kienet tabilħaqq xena edifikanti tara dak il-għadd kbir ta' nies, nhar Ħamis ix-Xirka bil-lejl, tagħmel il-viżti lil Ġesù Ewkaristija mal-Kappillan. Xejn inqas sabiħa hija l-'Via Crucis' li ssir fit-toroq tal-Parroċċa nhar l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-poplu draha tajjeb din il-'Via Crucis', għalkemm forsi jikkonkorri xi ftit aktar li kellha tkun ftit iqsar. Il-funzjonijiet tal-knisja kienu organizzati tajjeb, u x-xebbiet tal-kor parrokkjali jisthoqqilhom tifħir. Jalla jibqgħu jinġabru u jsirulhom il-kunċerti għax il-kant żgur ikun aħjar. Il-kor parrokkjali meta organizzat tajjeb għandu funzjoni kbira x'jaqdi fil-Parroċċa.

La qegħdin insemmu l-Ġimgħa Mqaddsa, ta' min ifaħħar ukoll lill-kumpanija drammatika "Balzan Stage Amateurs" għas-suċċess li kellha bid-dramm fuq il-Passjoni "BARABBAS", li ttella fis-Sala Parrokkjali "Aurora" nhar Ħadd il-Palm u t-Tlieta ta' wara. Il-Balzanin għandhom iħossuhom kburin li fil-Parroċċa tagħna kulħadd jagħmel ħiltu sabiex l-affarijiet isiru sewwa.

Nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna wkoll għall-foljett ta' talb li ġie stampat bl-inizjattiva tal-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Malta u li qed jitqassam mill-Kappillan fit-tberik tad-djar u l-familji tal-Paroċċa.

★ KURAĠĠ U APPREZZAMENT

Ħafna xogħlijiet u ħidmiet kbar fid-dinja nbdew u twettqu għax min ħolomhom sab l-inkuraġġiment ta' ħaddieħor, u ħafna ħidmiet oħrajn waqfu jew mietu f'ġuf ommhom għax naqsu dawk il-kelmtejn ta' inkuraġġiment li lill-bniedem tant jagħmlulu ġid u tant ikun jixtieqhom. Hija ħaġa ta' min jiftakarha tajjeb li fid-dinja kull bniedem għandu postu, u kull bniedem għandu xi ħaġa x'joffri. L-ebda bniedem ma tista' tgħid li mhu kapaċi għal xejn; jekk tfittex bir-reqqa ssib li Alla l-Imbierek għana 'l kulħadd b'xi kwalità li, jekk jiżviluppaha u jħaddimha, tisfa ta' ġid għalih u għall-bqija ta' l-umanità.

Iżda biex il-bniedem jiżviluppa l-potenzjal tiegħu u jilħaq il-milja tiegħu jeħtieġ l-għajnuna u l-kuraġġ minn ħaddieħor. Min jeħtieġ ftit kuraġġ biex imexxi, u min jeħtieġ

• għal paġna 2

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

IL-KNISJA PARROKKJALI (17)

IL-KAMPNAR

IL-QNIEPEN

Il-Kampnar kien għadu fil-bidu tiegħu, jiġifieri fis-sena 1707, meta żewġ prokuraturi, in-Nutar Gio Maria Zarb u Dun Ġużepp Frendo, ħasbu biex jibdew jiġbru mar-raħal, li dak in-nhar kien igħodd mal-575 ruħ, biex tkun tista' tiġi akkwistata qanpiena li għal dak in-nhar setgħu jsdjħulha: "Il-Qanpiena l-Kbira". Dawn iż-żewġ prokuraturi, megħjunin mill-kappillan, li dak iż-żmien kien Dun Marju Calleja li kien Balzani, u mneġġin mill-entużjażmu tal-Balzanin, sa l-aħħar ta' Ġunju ta' dik is-sena (1707) kienu diġà rnexxielhom jiġbru s-somma ta' 151 skud u 5 tari'. Fl-24 ta' Lulju ta' l-istess sena, sar tibdil fil-prokuraturi. Minflok in-Nutar Zarb, inħatar Dun Salv Debono biex ikun hu bħala prokuratur flimkien ma' Dun Ġużepp Frendo.

Fil-ktieb ta' l-Introjti tal-Ven. Lampada (1), barra milli jagħtina t-tagħrif li għadna kemm semmejna, insibu wkoll li kull ġabra mal-parroċċa kienet tlaħħaq mat-13-il skud. Iżda, bħas-soltu barra mill-ġbir, dejjem għandek issib xi benefatturi li jkunu ġenerużi biex tista' tinkiseb xi opra li żżejjen il-Knisja. Għall-għan tagħna din id-darba nsibu lil Vennera Zarb, in-Nutar Ġużeppi Zarb, il-Kanonku Bernardino Zammit u s-Sur De Bernardi li flimkien taw kontribuzzjonijiet konsiderevoli. Il-ġabra għal din il-qanpiena sal-5 ta' Awwissu 1708 laħqet 26 skud 11-il tari' u 13-il ħabba.



Il-President tar-Repubblika ta' Malta, Sir Anthony Mamo, dak iż-żmien Gvernatur-Ġenerali, meta żar il-Każin 'San Gabriel' nhar l-10 ta' Ġunju 1972. (Ara paġna 4).

Tliet mitt sena ilu mhux la kemm kont tgħid iġġib qanpiena minn barra minn Malta; kienu għal dan il-għan jinħtieġu proċessi twal li kienu jieħdu ħafna żmien. Issa, peress li nħoss li hu ta' interess storiku li wieħed ikun jaf x'sar biex inġabret din il-qanpiena, sejjer nagħti d-dettalji kollha kif sibthom imniżżla fir-reġistri ta' l-Arkivju Parrokkjali.

Mela, nhar is-6 ta' Settembru 1707, il-Prokuraturi li kienu nħatru responsabbli minn din il-qanpiena, Dun Salv Debono u Dun Ġużepp Frendo, quddiem in-Nutar Dottor Paolo Mallia, ippreżentaw is-somma ta' 213-il skud, 11-il tari' u 10 ħabbiet lil Antonio Mallia biex dan jieħu l-inkarigu li jikkunsinna din is-somma lil wieħed Kavallier ta' l-Ordni Sovran ta' Malta ġewwa Messina. Dan il-Kavallier kellu jgħaddi din is-somma lis-Sur Meri li hu responsabbli tal-Funderija ta' l-Ordni f'Messina u b'hekk ikun jista' jibgħat il-qanpiena.

Issa l-prokuraturi, barra mis-somma fuq imsemmija, riedu jibagħtu wkoll lejn Messina żewġ qniepen li kienu miksura. Għalhekk, fl-istess jum, jiġifieri nhar is-6 ta' Settembru 1707, ħallsu 5 tari' lil tal-karru li ġarr dawn iż-żewġ qniepen mill-Knisja tagħna sax-xatt tal-Belt. Sirna nafu wkoll li dawn iż-żewġ qniepen flimkien kienu jiżnu ħames qnatar u erbgħa u erbgħin ratal.

Fix-xatt tal-Belt, il-prokuraturi ħallsu skud, 10 tari' u 10 ħabbiet lill-burdnara u lill-iskjavi talli ġarrew u għabbew iż-żewġ qniepen imkissra fuq ix-xini ta' l-Ordni li kienet iġġib l-isem "Santa Maria" u għall-ittri ta' rakkomandazzjoni.

Insibu wkoll li l-piżatur tad-dwana, is-Sur Duminku Mattrenza, kien tant ġentili li ma riedx jitħallas tad-drittijiet tiegħu meta wiżen iż-żewġ qniepen imkissra, iżda ġew mogħtija 3 tari' oħra lill-burdnara.

Kien hemm bżonn li titħallas is-sigurta' tal-qanpiena. Għalhekk insibu li fit-8 ta' Frar 1708, il-prokuraturi ħallsu 7 skudi u 6 tari' quddiem in-Nutar Vincenzo Marchisi.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Il-Qanpiena, mistennija mill-Balzanin, waslet nhar l-1 ta' Lulju 1708, għaxar xhur minn meta telqu ż-żewġ qniepen imkissra. Din id-darba, il-burdnara ħadu 8 tari' talli niżżlu din il-qanpiena minn fuq abbord. Il-piżatur tad-dwana kien is-sur Enrico Treigo li ħa 3 tari', u tħallsu 3 tari' oħra lil burdnara oħra.

In-nies ta' din il-parroċċa kienu kollha anzjużi biex jaraw din il-qanpiena. Bosta kienu dawk li niżlu x-xatt iżda kien hemm ħafna oħrajn li ma setgħux, għalhekk, b'mod speċjali minħabba dawn ta' l-aħħar, ma ntilifx żmien u l-qanpiena ġiet imtellgħa mix-xatt sa hawn f'dik l-istess ġurnata. Il-prokuraturi ħasbu li jagħtu l-ikel lil dawk li tellgħu l-qanpiena mix-xatt, li qam skud u 6 tari' (2).

Insibu li biex din il-qanpiena tqiegħdet fil-Kampnar, tħallsu xi spejjeż: fosthom 2 skudi, 3 tari' u 6 ħabbiet lil dawk li ħadmu. L-imgħallem Mastru Salv ħa 4 tari' għall-krejn u 20 skud għat-travu li miegħu ġiet marbuta l-qanpiena. (3)

L-Isqof David Cocco Palmieri, meta kien għamel il-Viżta Pastorali tiegħu lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan nhar l-20 ta' Settembru 1699, kien għamel osservazzjoni dwar il-ħtieġa li l-qanpiena li kien hemm imġelġla tiġi mibdula. U dak in-nhar dan l-Isqof kien talab lill-Kleru u lill-poplu biex jaħseb għal qanpiena oħra. (4) Dan l-istess Isqof, fil-Viżta li għamel wara nhar l-20 ta' Mejju 1709, barra milli jsemmi li l-Knisja għandha issa kampnar li għadu kemm inbena, isemmi wkoll din il-qanpiena l-ġdida. (5)

• għal paġna 4

ĦARĠA SPEĊJALI TAL-FESTA

Il-ħarġa Lulju/Awwissu tal-gazzetta **HAL BALZAN** se tkun **ĦARĠA SPEĊJALI B'16-IL PAĠNA** fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Annunzjata. Din il-ħarġa se jkun fiha 12-il paġna ta' artikoli interessanti bil-Malti u suppliment ta' 4 paġni bl-Ingliż, kif ukoll għadd ta' ritratti sbieħ. Aħsbu kmieni għal kopja.

Infakkru lil kull min jixtieq jibgħat xi kitba għall-pubblikazzjoni li hemm żmien sa nhar il-Ħadd 13 ta' Ġunju.

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel' Ħal Balzan.

Stampata fil-Lux Press Ħamrun.

• minn paġna 1

ħafna. Ħafna inizjattivi warrdu u taw il-frott għax sabu dan l-inkuraġġiment. Mela ma nibqgħux lura: nagħrfu napprezzaw it-tajjeb ta' ħaddieħor mingħajr l-ebda preġudizzju. It-tajjeb ħaqqu kull tifħir, jagħmlu min jagħmlu. Il-ħażin jisthoqqlu l-istmerrija ta' kulħadd; nistmerru l-għemil ħażin imma mhux lil min jagħmlu. Lil min jagħmel il-ħażin nuruh it-tajjeb li jista' jagħmel u nindirizzaw il-ħidma tiegħu lejn xi ġid.

FRA DR. JOSEPH ZAMMIT

Sur Editur,

Kont qiegħed nerġa' nara n-numri l-qodma tal-gazzetta "Hal Balzan" u f'dak Nru. 5 ltqajt ma' artikolu dwar "Frater Doctor Joseph Zammit, l-Ewwel Għalliem tal-Anatomija u tal-Kirurġija fl-Iskola Medika ta' Malta" mit-Tabib Storjografu Pawlu Cassar, M.D., D.P.M., F.R.Hist.S. Kif kulħadd jista' jaħseb, l-artikolu huwa famuż għax tassew eżawrijenti, pero' fl-idea tiegħi nissottometti bir-rispett kollu li hemm difett wieħed, u ċioe' li l-kwadru ta' miegħu mhux tat-Tabib Fra Giuseppe Zammit, li Dr. Cassar qal li ġab mill-Bibljoteka.



Dak il-kwadru jirrappreżenta lill-Monsinjur Onorato Bres (1753-1818), li kien Delegat - Apostoliku f'Viterbo, Kappillan Konventwali u Kommendatur ta' l-Ordni ta' Malta, u Storjografu tajjeb, li fl-1816 kiteb "Malta Antica Illustrata" u għalhekk hemm dak il-kwadru tiegħu fil-Bibljoteka bħalma hemm ta' l-Istorjografi Kommendatur Fra Ġan-Franġisk Abela (1582-1655) tad-"Descrittione di Malta" u tal-Konti Fra Ġan-Anton Ciantar (1696-1778) tal-"Malta Illustrata".

Kwadri ta' Fra Dr. Joseph Zammit, Kappillan ta' l-Ubbidjenza, l-Ewwel Għalliem fl-Iskola ta' l-Anatomija u Kirurġija 1677-1710 u Tabib-Prinċipali fl-1722 li twieled il-Belt Valletta fit-18 ta' Marzu 1650 u miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fit-2 ta' Novembru 1740, fejn wara tpoġġiet irħama fil-kor tifkira tiegħu flok l-oriġinali fuq qabru, jinsabu kemm fl-Universita' l-Belt kif ukoll fl-Isptar San Luqa, li ma jixbħu xejn lil dak li nġab f'din il-gazzetta. Naturalment Dr. Cassar qal kif qalulu, pero' ftit kurjuża kif hu ma ttendiex li ma jixbaħ xejn lil dak fl-Uffiċċju tat-Tabib-Supretendent ta' S. Luke's li min jaf kemm daħal hemm. Forsi jkun hemm min igħid li dak ta' St. Luke's kien ikkupjat minn fuq dak ta' l-Universita' li, aktarx bl-iskrizzjoni taħtu b'kollox, forsi mhux eżatt kif hawn min igħid kemm għal dal-kwadru kemm għall-maġġoranza ta' sħabu fl-Universita'. Imma allura? Hu x'inhu, il-kwadru stampat fl-edizzjoni ta' dil-gazzetta msemmija ta' Mejju-Ġunju 1972 juri Prelat liebes il-mantelletta ta' Isqof, Protonotarju Apostoliku jew Prelat Domestiku li ma kienx it-Tabib Fra Giuseppe Zammit.

Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P.,
Msida.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET,

IMĦADED,

CUSHIONS U

AFFARIJIET OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

ITTRI LILL-EDITUR

IL-PITTURA TAL-KOPPLA MINN ĠUŻE' CALI'

Sur Editur,

Waqt li dan l-aħħar kont qiegħed nagħmel tfittix storiku dwar il-ġrajja tal-mediċina fi gżiritna, iltqajt ma' tagħrif dwar il-pittura tal-koppla tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. Dan it-tagħrif, miġjub f'ġurnali ta' l-epoka, jikkonferma dak li qal Dun Ġwann Dimech meta kiteb fuq dan is-suġġett fil-bidu tas-sena (HAL BALZAN Jannar/Frar). Dak li deher fil-ġurnali huwa ta' importanza għaliex (a) fih tifsir dettaljat dwar is-sinifikat tal-figuri li jidhru fil-pittura; (b) iżid mad-dokumentazzjoni dwar il-parroċċa; u (c) juri li l-iżvilupp artistiku tal-knisja kien apprezzat mhux biss mill-Balzanin imma wkoll min-nies ta' kultura barra mir-raħal. Għal dawn ir-raġunijiet dehirli li l-qarrejja tiegħek jinteressahom li jkunu jafu bih.

L-artikolista, li ma jagħtix ismu (**L'Ordine** 3/4/1894, p. 3; **Il portafoglio maltese** 29/3/1894 p. 2; **Risorgimento** 31/3/1894, p. 2) jgħid li l-pittura tal-koppla saret bil-ġbir u l-għajnuna tan-nies tar-raħal u li tlestiet għall-aħħar ta' Marzu 1894. Imbagħad jissokta jikteb hekk (maqlub mit-taljan):— "Is-suġġett li għażel (Ġużeppi Cali) huwa l-Ispirtu s-Santu li taħt xbiha ta' ħamiema jitfa' d-dija ta' l-imħabba fuq urna. Din l-urna titkebbes bin-nar ta' Alla u xxerrdu madwar is-seba' taqsimiet tal-koppla. F'kull taqsima hemm serafin li jġib simbolu tad-doni ta' l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri l-Intellett, il-Qawwa, il-Pjeta', il-Biża' t'Alla, ix-Xjenza, il-Kunsill u l-Għerf. Sħaba ħafifa, imnissla min-nar ta' l-urna mistika, tinfirex ma' l-oqsma tal-koppla u b'hekk tgħaqqad flimkien f'ħaġa waħda l-figuri tas-serafini minkejja l-pilastri ta' bejniethom. Dawra ta' qtajja' ta' anġli żgħar jittajru fil-beraħ u joħolqu dehra ta' moviment ferrieħi".

Wara li jikkummenta dwar l-eleganza u l-għażla għaqlija tal-kuluri u tal-kjaroskur tal-kompożizzjoni, l- artikolista jfaħħar lill-Kappillan Rev. Don G. Sarreo ta' kemm ħadem u ħabrek biex titwettaq il-pittura u jagħti ħajr lill-Konti Manduca għall-interess bla heda li dejjem wera f'din il-knisja.

Korrispondent ta' ġurnal ieħor qal (maqlub mit-taljan): "Bqajna msaħħrin meta rajna dan il-kapolavur", filwaqt li Dr. Nikola Zammit, Professur tal-Filosofija fl-Universita' tagħna u kritiku ta' l-arti, sejjaħ din il-pittura "tassew biċċa mill-Ġenna" (**Risorgimento** 30/7/1894, p. 3).

Ta' min ikun jaf li ftit jiem wara, Ġużeppi Cali nħatar Surmast tad-Disinn fil-Liceo bħala suċċessur ta' Ġużeppi Calleja (**La Voce del popolo** 10/4/1894, p. 2). Tgħid is-suċċess li kiseb bil-pittura tal-koppla swielu biex jintgħażel għal dan l-impieg?

Meta, fl-aħħar granet ta' Lulju ta' l-istess sena, tlestew l-erba' evanġelisti, **L'ordine** ikkongratulat lil Cali għall-"ġenju straordinarju" li wera f'dan ix-xogħol "li kien aqwa minn xogħlijiet li kien għamel qabel" (**L'ordine** 31/7/1894, p. 3; **Il-portafoglie maltese** 30/7/1894, p. 3), fil-waqt li ġurnal ieħor, wara li faħħar is-sbuħija ta' dawn l-evanġelisti, qal li "Malta kellha biex tħossha kburija" b'pittur tal-kalibru ta' Ġużeppi Cali (**Risorgimento** 30/7/1894, p. 3).

Balzan. **Dr. Pawlu Cassar.**

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

Dr. P. Cassar:

Sur Editur,

Jekk jogħġbok agħtini ftit wisa' biex nikkummenta fuq xi punti li semma r-Rev. Kan. Spiridione Sammut fl-aħħar ħarġa ta' **Hal Balzan** (Marzu/April) dwar il-proġett tal-balavostri fuq is-saqaf tal-knisja parrokkjali.

Dan il-korrispondent ta bħala eżempji ta' bini kbir li għandu balavostri l-palazzi ta' Verdala u ta' Selmun. Dan kollu minnu. Dan il-balavostrar fil-fatt qiegħed idawwar bħala ħarsien għan-nies li jużaw il-bejt bħal ma nsibu fi djarna tal-lum u għalhekk il-balavostrar ta' dawn il-palazzi huwa **funzjonalment** loġiku u meħtieġ. Fil-każ tal-knisja ta' Hal Balzan ma hemmx bejt iżda biss **saqaf** li normalment ma jużawhx nies u għalhekk ma hemmx il-ħtieġa ta' ħarsien jew ta' balavostri biex idawru ċ-ċinta tas-saqaf; u jekk dawn isiru, ikunu funzjonalment żejda u mingħajr skop.

Il-kanonku jidhirlu li l-knisja ma hijiex kompluta mingħajr il-balavostri. Dan ma nistgħux ngħiduh għax, kif ġa għidt (**Hal Balzan,** Jannar/Frar) ma nafux x'idea kellu l-arkitett li ddisinja l-knisja fl-1669.

Forsi jiena wisq konservattiv imma l-ħsieb tiegħi huwa li l-għamla tal-knisja ta' Hal Balzan ma għandhiex tintmess u tinbidel imma għandha tibqa' tinżamm bħala eżemplar ta' stil ta' arkitettura ekkleżjastika Maltija tas-seklu sbatax.

Hija ġa ħasra kbira li d-dehra tagħha minn ġewwa tħassret meta, fl-aħħar tas-seklu li għadda, ġiet imnażżgħa mill-iskultura tal-ħitan tal-kor li kienet tnaqqxet fil-bidu tas-seklu tmintax (Dimech, G. Il-Knisja Parrokkjali **Hal Balzan** Mejju/Ġunju 1975) u meta, madwar ħamsa u għoxrin sena ilu, tneħħew mill-art il-lapidi ta' l-oqbra li bil-kitba tagħhom kienu jiddokumentaw il-ġrajja soċjali ta' Hal Balzan matul dawn l-aħħar tliet mitt sena.

Balzan.

Dr. Pawlu Cassar M.D.

Is-Sur R. Bonnici Cali:

Sur Editur,

Wara dak li nkiteb dwar il-balavostri li huma maħsuba li jsiru biex jinkoronaw il-bejt tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, jiena wasalt għall-fehma li dawn il-balavostri għandhom isiru għax tassew jixirqu u jaqblu ma' l-arkitettura tradizzjonali tal-knejjes tagħna. Eżempji għandna birradam.

Illum nafu li fil-Kurja hemm xejra biex jiskuraġġixxu lill-ftit nies li għadhom jedhew bit-tiżjin tal-knejjes, u nafu wkoll li bosta opri sbieħ u meħtieġa ntilfu mhux biss f'Ħal Balzan imma wkoll fi knejjes oħra minħabba dawn ix-xejriet kurjali.

Biex nagħti eżempju fost ħafna, insemmi li f'Ħal Tarxien kien hemm ix-xewqa qaddisa li ssir raġġiera bil-Ħamiema (Spirtu Santu) bejn il-Madonna u l-Anġlu tal-vara, biex tkun komplita bħax-xbihat kollha ta' l-Annunzjata fix-xogħlijiet ta' l-artisti kbar: Beato Angelico, Guido Reni, Murillo, u oħrajn.

Il-Kurja ma għoġbithomx u ma sar xejn. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-esperti kurjali ma humiex infallibbli imma biss kapriċċjużi u kontradittorji.

NOTA EDITORJALI:

Bl-intervista tagħna lis-Sinjura Vinċenza Dimech, li xandarna fil-ħarġa li għaddiet, bdejna sensiela ta' żjarat li nittamaw ikunu ta' interess għall-qarrejja. Min jixtieq nagħmlulu żjara fuq xi suġġett jew delizzju partikulari, nitolbuh igħarraf lil xi membru tal-Bord Editorjali.

Jiena jidhirli li l-balavostri għandhom isiru għax huma bżonn u jaqblu mal-kuruna tal-kampnar famuż li għandha l-istess knisja tagħkom. Mela, la l-kampnar għandu l-bejt tiegħu inkurunat bil-balavostri, hekk ukoll il-bejt tal-knisja għandu jkollu l-balavostri.

Nawgura lill-Balzanin li jissuktaw dejjem juru mħabbithom lej n il-knisja tagħhom li missirijiethom iddedikaw lil-Lunzjata, bħalma hija wkoll iddedikata l-Parroċċa fejn ngħix jiena.

Tarxien.

Rafel Bonnici Cali'

ŻOMMU

HAL BALZAN

NADIF

FOR

WHITER

WASH

SPEL

BEJNIETNA N-NISA

DJALOGU TAT-TOROX

John jidħol id-dar, jitfa' l-'briefcase' fuq il-pultruna, jintelaq bil-qiegħda. Igħidilha: "Kelli ġurnata bla nifs illum. Xogħol joqtol, nies, appuntamenti; lil dak tfiehmu mod, l-ieħor ma jistax jifhmek."

Rita lil John: "It-tfal ħlewli saħħti llum. It-'teacher' ta' Freddie bagħtitlek nota. L-oħra għamlet xenata għax nhar il-Ħadd trid tmur hike. Imbagħad iż-żgħir faqagħni, għax dik il-'pencil box' li xtrajtlu qal li serquhielu."

John lil Rita: "Ċerti nies, tistinka kemm tistinka, qatt ma jkunu jafuhulek. Il-prinċipal sar qisu bużżieqa. Irid jara ma' min se jiżvoga."

Rita lil John: "Lanqas naf x'kilt f'nofsinhar. It-tifla tissuppervja, l-ieħor irid 'pencil box' . . . Saħħti ħaduhieli."

Żewġ miżżewġin ikellmu lil xulxin. La Rita ma taf x'qed igħid John, u anqas John ma qed jagħti każ x'qed tgħid Rita. Kull wieħed minnhom qed igħid dak li għandu f'moħħu mingħajr ma jisma' x'qed tgħid l-oħra jew l-ieħor. Ħafna drabi sitwazzjonijiet bħal dawn iwasslu mhux biss għal nuqqas ta' ftehim, jew djalogu, bejn il-miżżewġin, iżda jistgħu wkoll iwasslu għal problemi serji.

Il-mod kif tkellmu John u Rita ma' xulxin jissejjaħ **DJALOGU TAT-TOROX.** Dawn it-tnejn qed jitkellmu, iva, iżda anqas biss qed iħabblu rashom jekk dak li qed igħidu hux qed jiftiehem. Kulħadd irid igħid tiegħu. Ħadd ma jrid jisma' ta' ħaddieħor.

Li mara tiftaħ qalbha ma' żewġha hi ħaġa tajba. Li raġel jitkellem ma' martu fuq il-problemi tiegħu hu sinjal tajjeb. Il-ħażin hu meta t-tnejn ma jurux biżżejjed interess f'dak li qed igħidu lil xulxin. Hu jgħid tiegħu, hi tgħid tagħha. Hu la jifhem lilha, hi ma tifhemx lilu, u t-tnejn ma jaslu mkien.

Il-mara, bir-raġun kollu, tkun qed tistenna lir-raġel jasal id-dar biex titkellem dwar il-problemi li tkun iltaqgħet magħhom matul il-ġurnata. Normalment, tippretendi li hu għandu jsib il-ħin li joqgħod jismagħha. L-istess għar-raġel. Il-ħażin taxxena li smajna hu, li t-tnejn anqas donnhom jimpurtahom jekk hux qed jisimgħu lil xulxin.

Dan jiġri meta t-tnejn tant ikunu medhijin bil-problemi tagħhom li anqas biss igħaddilhom minn rashom li l-ieħor jew l-oħra wkoll għandu jew għandha l-problemi.

Minn dan wieħed jara l-importanza li mhux biss wieħed jiftaħ qalbu mal-mara jew mar-raġel, iżda — wisq aktar importanti — li wieħed jiftaħ widnejh u jifhem. Il-kelma ftehim hi l-qofol ta' kull djalogu tajjeb. Wieħed jeħtieġ jisma', u jifhem. B'hekk mhux biss jagħti każ ta' dak li jkun qed jingħad, iżda jibda jieħu ħjiel ta' dak li mhux qed jingħad. Ħafna drabi dak li ma jingħadx, anki bejn il-miżżewġin, huwa aktar importanti minn dak li jingħad bil-ħalq, għaliex wieħed ikun jista' jxomm mill-bogħod il-problemi qabel ma jfaqqgħu fuqu.

U jekk aħna rridu li l-ħajja miżżewġa tagħna tkun hienja, ma nistgħux nippretendu li ma jkollniex problemi, iżda li jkollna għajnejna u widnejna miftuħa biex malli nindunaw li qed titwieled problema, mill-ewwel nieħdu passi biex inwarrbuha qabel ma tikber u ssir serja.

Minn hawn jidher li għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nevitaw id-djalogu tat-torox, u jekk naqbdu lilna nfusna qed nagħmlu hekk, nieqfu nitkellmu . . . u nisimgħu.

D.S.

GĦALINA Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Ħbieb,

Erġajna ġejna mogħtija dan il-ftit spazju sabiex inkellmukom minn fuq din il-gazzetta. Spazju li għandu jimtela bi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maż-żgħażagħ. Imma nieqfu għal ftit u nistaqsu . . . Nistaqsu lilkom forsi xi darba twieġbuna.

X'niktbu? Fuq xiex nitkellmu? Tlabna suġġerimenti minn għandkom. X'ħadna? Xejn! Għidnielkom biex jekk ikollkom materjal letterarju tibagħtuh. X'irċevejna? Novella waħda, waħda biss. Staqsejna l-opinjoni tagħkom dwar postijiet ta' rikrejazzjoni għalina. L-ebda risposta. Skiet perfett. Attitudni negattiva. Ħadd ma jinteressa ruħu f'xejn. Tħares 'il fejn tħares kull ma tara apatija. Apatija lejn affarijiet li SUPPOST jinteressawna.

Għidnieha kemm-il darba li dir-rokna tiktbuha intom u mhux aħna. Imma milli jidher kulħadd jinsab kuntent kif inhu. Imbagħad tisma' t-tgergir li fil-gazzetta ma jkun hemm xejn għaż-żgħażagħ. U ħadd ma jindenja ruħu jaqbad biċċa karta u jikteb fuqha x'jaħseb li għandna niktbu u jibagħtilna.

Affarijiet letterarji l-Bord Editorjali qalilna li jippublikahom meta jkun hemm spazju. Imma affarijiet li jikkonċernawna spazju nsibulhom żgur. Inkella xi tkun l-ideja li jkun hawn rokna għaż-żgħażagħ? Nieqfu ftit u nieħdu ftit tan-nifs. Tkellimna bir-rispett kollu lejn kulħadd. Imma f'dan ir-raħal qisu żgħażagħ ma jeżistux għax leħinhom qatt ma jinstema'. Għala? Għax ma jridux isemmgħuh? Issa r-riedni f'idejkom. Uru li intom mhux biss teżistu imma wkoll tgħixu billi turu l-opinjonijiet tagħkom lil kulħadd fuq din il-paġna . . . fuq din il-gazzeta ta' Ħal Balzan.

Saħħa.
Pawlu u Twanny.

THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA
Telephone: 45269
BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS

NIFIRĦU LIL...

* IS-SUR GABRIEL CARUANA, l-iskultur magħruf Balzani, li dan l-aħħar żanżan biċċa skultura taċ-ċeramika fil-fergħa ta' Mid-Med Bank ta' Triq Merkanti, il-Belt Valletta. Dil-biċċa ċeramika tirrappreżenta t-tibdil li rat Malta fil-milja tas-snin.

Is-sur Caruana rnexxielu juri t-tibdil li għaddiet minnu Malta matul il-bosta sekli: jibda mit-tibdil ta' żmien in-Neolitiċi, u jgħaddi għal żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, il-ħakma Franċiża u dik Ingliża. Hu rnexxielu joħloq f'dil-biċċa skultura d-dehra sabiħa tal-baħar kaħlani li jmelles ix-xtut tal-gżejjer tagħna, kif ukoll veduti Maltin li jintonaw sewwa maż-żmien li huwa ried juri.

Is-sur Caruana uża kuluri ta' teknika tassew espressiva li taw lil dil-biċċa xogħol ta' l-arti dehra verament majestuża. Żgur li dan ix-xogħol ta' Gabriel Caruana jissokta jkabbarlu ismu u isem raħal twelidu, kif ukoll isem Malta tagħna, kif difatti diġà nsibuh imfaħħar f'diversi perjodiċi mondjali ta' l-iskultura.

* IS-SINJORINA CARMEN DEBONO, li rnexxielha tieħu Ċertifikat ta' Mertu għax-xogħol tagħha fil-"Commonwealth Art Exhibition" li saret ġewwa l-Commonwealth Institute f'Londra bejn id-9 u t-30 ta' Jannar li għadda.

Għal din l-esibizzjoni, it-tfal ġew mitluba juru l-kapaċità tagħhom f'dawn is-sezzjonijiet: art or craft, paintings, pastilwork, lino prints, batik, fabric design, collage, u weaving. Ix-xogħol tat-tfajla Carmen Debono , li toqgħod 'St. Anthony', Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan, u li qiegħda fis-sitt sena ta' l-iskola primarja ta' Ħal Balzan Ħal Lija, kien fabric design.

Fl-esibizzjoni ħadu sehem tfal minn għoxrin pajjiż tal-Commonwealth.

* IS-SUR STEPHEN FARRUGIA, li rnexxielu jikseb it-tieni premju fil-kompetizzjoni tar-'Royal Society for the Prevention of Cruelty to Animals' (R.S.P.C.A.) ta' Malta li ssir kull sena Il-kompetizzjoni kellha żewġ taqsimiet — għat-tfal kbar u għaż-żgħar. Il-kbar kienu mitluba jiktbu essay bl-Ingliż fuq "Are Animals intelligent?", fil-waqt li ż-żgħar kienu mitluba jagħmlu proġett fuq il-pets.

It-tfajjel Stephen Farrugia, student fil-Kulleġġ San Alwiġi ta' Birkirkara, u li jqogħod 'Dar is-Sliem', New Street off Old Railway Road, Ħal Balzan, irnexxielu jiġi fit-tieni post. Ir-rebbieħa ngħataw kotba bħala premju, li tqassmu mill-President ta' din is-soċjetà, il-Brigadier G.V. Micallef, C.B.E.

ATTIVITAJIET FIL-KAŻIN TAL-BANDA 'SAN GABRIEL'

Il-Kumitat tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel' beħsiebu jorganizza diversi attivitajiet għas-soċi, kemm fil-Każin kif ukoll f'postijiet oħra. L-iskop mhux biss biex ikun hemm rikreazzjoni għas-soċi, imma wkoll biex huma jkunu jistgħu jiltaqgħu aktar ma' xulxin. Fost l-attivitajiet maħsuba hemm: programmi varjati, film shows, kompetizzjonijiet, quddiesa, u wkoll ritratt tas-soċi kollha sabiex aktar 'il quddiem jiġi mdendel fis-sala prinċipali tal-każin.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-ħrafa li ser niktbilkom illum tgħodd ħafna għal xi tfal li l-ħena tagħhom ixewxu tfal oħra kontra xulxin. Issib tfal li l-pjaċir tagħhom iwasslu f'widnejn ħbiebhom dak li ħaddieħor ikun qal fuqhom. Dan jagħmluh għax jaħsbu li b'hekk jinġiebu aktar ma' ħbiebhom. Iżda xi drabi jiġri li jiġrilhom agħar għax dak li jkun jinduna bil-ħsieb ħażin tagħhom u jsir jobgħodhom. Tfal bravi joqogħdu wisq attenti meta xi tfal jiġu jfesfsulhom f'widnejhom xi kliem li jkunu semgħu fuqhom. Min tassew iħobb lil sħabu ma jwasslilhom qatt kliem li bih jistgħu jinkwetaw ruħhom u jinkurlaw. Infatti l-ħrafa tal-lum tgħallimna dak kollu li għadni kif ktibtilkom.

Iljun xiħ u marid għall-mewt kien imdawwar u mibki mill-annimali kollha. Il-volpi biss ma kenitx preżenti. Il-lupu, x'ħin ra li l-volpi mhix hemm, ħa l-okkażjoni biex jitkellem kontra tagħha u x'ħin ħares lejn l-iljun qallu:—

"Kulħadd ġie jarak, ja Sidi, barra l-volpi".

Ma laħaqx spiċċa jitkellem li ma daħlitx il-volpi u semgħetu jitkelem fuqha! X'għamlet għalhekk?

Niżlet għarkubbtejha quddiem l-iljun u b'vuċi soda qaltlu:

"Ja Sidi, mill-annimali kollha li ġew jarawk ħadd daqsi ma ġera u staqsa biex isiblek il-mediċina meħtieġa għall-marda tiegħek. Jien biss irnexxieli nsibhielek"

"X'inhi,x'inhi?" staqsieha malajr l-iljun.

"Biex tfiq, ja Sidi, trid toqtol l-ewwel lupu li ssib, tilbes il-ġilda sħuna tiegħu, u wara ftit tfiq!"

Ma laħqitx spiċċat titkellem li l-iljun ma qabiżx fuq il lupu, qaxxru u libes il-ġild tiegħu.

Dak li jiġrilu, tfal, min jipprova jnassas lil ħbiebu jew iwassal kliem li jġib il-ġlied.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din id-darba rridukom idduru dawra ma' Malta biex tagħtuna ismijiet ta' xi postijiet. L-isem ta' dawn il-postijiet irid ikun jibda bl-ittra **B**. Minnhom hawn ħafna f'Malta. Dawn jistgħu jkunu ismijiet ta' bliet, irħula, kif ukoll ta' xi lokalitajiet oħra. Ir-rebbieħ ikun dak li jniżżel l-akbar numru ta' ismijiet ta' dawn il-postijiet.

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fl-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 12 ta' Ġunju, 1976.

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni, li kienet Kartolina tal-Għid, hija Sheila Caruana, li toqgħod 'Carsam', Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Membri ġodda tal-Knisja bil-Magħmudija

Aaron-Daniel Barbara, bin Joseph u Marian.
Charmaine Debono, bint Joseph u Catherine.
James-Nicholas Borg Cardona, bin Colin u Carmen.
Malcolm-Robert Borg Galea, bin Carmel u Doris.
Orietta Saliba, bint Ignatius u Anna Maria.
Colin Abela, bin Nicholas u Rita.

Ingħaqdu fl-imħabba fiż-Żwieġ Nisrani

Joseph Camilleri u Nancy Muscat.

Ħutna nsara li għaddew għall-ħajja ta' dejjem

Ġeraldu Borg.
Suor Elena Sciberras, Franġ. Miss. ta' Marija.
Suor Anna Galea, soru tal-Bon Pastur.
Suor Teresa Ebejer, soru tal-Karità.

COMBINED INDUSTRIES LIMITED
JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301
ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323
UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027
MALTA ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027
100, St. Anthony Street, Lija, Malta.
Cable Address: Jolica, Malta.

IL-KAZIN TAL-BANDA "SAN GABRIEL"

ATTIVITAJIET FIL-KAŻIN

L-Għaqda 'San Gabriel' għaddiet minn ħafna attivitajiet, sew mużikali, kulturali, u wkoll soċjali. Fost il-ħafna attivitajiet li l-Għaqda tagħna torganizza minn żmien għal żmien, ta' min isemmi li l-Każin tal-Banda 'San Gabriel' ħa sehem kemm-il darba fil-Karnival b'karrijiet bil-kumpanija bil-kostum. F'dawn l-konkorsi tal-Karnival il-każin tagħna ħareġ rebbieħ mhux darba jew tnejn iżda diversi drabi, kif jixhdu d-diplomi li għandna.

Il-każin organizza ġita għal barra minn Malta fost is-soċi, li kienet tmexxiet mill-Kaxxier, is-sur Valentino Muscat, u li kienet verament suċċess. Il-każin organizza wkoll bosta attivitajiet rikrejattivi għas-soċi u għat-tfal tar-raħal.

FESTI TAL-50 SENA

Naturalment, waħda mill-attivitajiet memorabbli saret fl-1970 meta l-każin iċċelebra għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu. Saru ċelebrazzjonijiet milli jsemmi li l-Knisja għand xierqa għal din l-okkażjoni. Fost id-disat ijiem ta' festi, l-aqwa waħda kienet meta l-banda tagħna esegwiet programm fuq iz-zuntier tal-knisja għall-poplu kollu Balzani, u għal dawk kollha li kienu mistednin għal din l-okkażjoni, fosthom l-għaqdiet kollha reliġjużi u profani tar-raħal u ż-żewġ każini filarmoniċi tal-Belt Valletta, 'La Vallette' u 'King's Own'. Saret ukoll lapida kommemorattiva għal din l-okkażjoni li twaħħlet fl-intrata tal-każin.

biċċa minnhom kellhom iħallu l-gżira tagħna u emigraw mal-familji tagħhom, u oħrajn meta kibru u żżewġu kellhom, għal raġuni jew oħra, iħallu raħal twelidhom u jmorru joqogħdu fi rħula oħra 'l bogħod mir-raħal tagħna. B'danakollu, il-banda ta' Ħal Balzan hija banda ħajja u tesegwixxi marċi u programmi mużikali sew fir-raħal kemm ukoll f'diversi festi li jsiru f'Malta matulek ja sena.

MIĠJA TAR-REĠINA

Il-banda tagħna kellha okkażjoni li tieħu parti fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru għall-unur tar-Reġina Eliżabetta t-Tieni, meta l-Majestà Tagħha żaret Malta wara l-inkurunazzjoni tagħha. F'din l-okkażjoni l-banda tagħna kienet esegwiet programm f'Misraħ Ħal Balzan u daqqet l-innu tal-Majestà Tagħha hija u għaddejja minn dan il-misraħ fi triqtha lejn il-ġonna ta' San Anton. F'din l-okkażjoni l-każin kien ħa ħsieb iżejjen l-istess misraħ u Triq Idmejda li minnha kellha mużika tal-Kav. Dun Karm Scerri, Maestro di Cappella tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

PERSUNÍ DISTINTI

Il-Każin 'San Gabriel' laqa' fil-lokal tiegħu diversi persuni distinti tal-gżira tagħna, fosthom diversi Gvernaturi, bħal Lord Gort f'Marzu 1944, Sir Gerald Creasy fl-1950, Sir Robert Laycock, u aktar tard lill-Gvernatur Ġenerali, illum President tar-Repubblika Maltija, Sir Anthony Mamo u s-sinjura tiegħu.

Ma' dawn inżidu l-viżta li kien għamel il-Konslu Amerikan Mr. B.W. Ruffner meta dan, fid-29 ta' Ġunju 1963, ġie fil-każin tagħna sabiex jippreżenta żewġ standardi, wieħed tal-U.S.A. u l-ieħor ta' Michigan State, li l-aħwa Ġużeppi u Salvatore Gauci, li għexu għal żmien twil fl-Amerka, irregalaw lill-banda tagħna.

L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta, ukoll onorana bil-preżenza tiegħu fil-każin, meta dan laqa' l-istedina tagħna li jiġi jżurna wara li kien amministra s-sagrament tal-Griżma lil bosta subien u bniet fil-Parroċċa tagħna.



In-Nunzju Appostoliku, Mons. Edoardo Pecoraio, meta żar il-Każin 'San Gabriel' wara li mexxa t-Translazzjoni ta' lejlet il-festa nhar l-10 ta' Ġunju 1972.

In-Nunzju Appostoliku Mons. Edoardo Pecoraio, fi żmien il-ħatra tiegħu ta' Nunzju Appostoliku ta' dawn il-gżejjer, kien fost il-persuni distinti li żaru l-każin wara li kien għamel il-funzjoni ta' lejlet il-festa titulari, nhar l-10 ta' Ġunju 1972.

Lejlet il-festa titulari li għaddiet, nhar it-13 ta' Lulju 1975, Mons. Antonio Del Giudice, in-Nunzju Appostoliku l-ġdid li għandu n-nunzjatura tiegħu f'villa f'Ħal Balzan, laqa' l-istedina tagħna u żar il-każin tagħna.

ĦIDMA MILL-MEMBRI

Il-membri, li għandhom għal qalbhom il-ġid tal-każin, jaħdmu bla heda u jissagrifikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom biex jaraw il-każin dejjem sejjer 'il quddiem. Huma jagħtu l-ħidma tagħhom b'xejn meta jafu li se jieħdu biss il-kelma grazzi għal dak li jkunu għamlu. Biżżejjed insemmu li l-bottegin tal-każin ilu fuq tnax-il sena mmexxi minn xi membri tal-kumitat. Dan isir biex jaraw il-fondi tal-każin dejjem jiżdiedu. Barra dan isir ukoll ħafna xogħol b'xejn għall-manutensjoni tal-lokal. Membri oħra ma' dawn li semmejt jarmaw u jżarmaw l-armar kollu tal-festa. Ma' l-armar huma jieħdu ħsieb id-dawl elettriku tal-knisja kollha min-naħa ta' barra, kif ukoll id-dawl kollu tat-toroq. Dan ix-xogħol kollu jsir bla ħlas. Ma' dawn inżid ukoll id-dilettanti tan-nar li jsir fil-festa tagħna. Dan jinkludi n-nar ta' l-ajru u dak ta' l-art li b'tant sagrifiċċji huma jħejju għall-unur ta' Marija Annunzjata.

(Jissokta)

KITBA TA' VALENTINO MUSCAT

Din il-lapida tar-rħam b'ittri tal-bronż kienet, biex ingħid hekk, l-aħħar rigal tal-President Onorarju n-Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, għax fis-6 ta' Jannar tas-sena ta' wara, 1971, ħalla dan il-wied taddmugħ. It-tberik ta' din il-lapida kien sar mir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan tar-raħal, billi l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof kellu impenji oħra, fil-waqt li l-kxif tagħha kien sar min-Nobbli Frans Manduca Azzopardi, neputi tal-Konti Bernardo li nzerta indispost f'din l-okkażjoni.


Wara l-mewt ta' zijuh, in-Nobbli Konti Frans Manduca Azzopardi mela l-vojt ta' President Onorarju tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Bla dubju ta' xejn, l-akbar attività tas-soċjetà hija l-banda u t-tagħlim tal-mużika fost it-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal. Ħafna kienu dawk iż-żgħażagħ li bbenefikaw minn din l-attività mużikali u rnexxew f'dan il-qasam, iżda sfortunatament il-każin ma tantx gawda mill-frott ta' din l-attività għar-raġuni li tgħaddi r-Reġina bl-armar li jintuża fil-festa tar-raħal, minbarra xi tiżjin ieħor li kien sar għal din il-ġrajja.

Il-banda tagħna reġgħet ħadet parti fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru ad unur ir-Reġina meta din żaret Malta għat-tieni darba bħala reġina fuq stedina tal-Prim Ministru wara l-Indipendenza. Din id-darba l-banda tagħna daqqet ħdejn il-bieb t'isfel tal-ġonna ta' San Anton.

Fil-festi ta' l-Indipendenza, f'Settembru 1964, il-banda ħadet sehem billi għamlet marċ mat-toroq prinċipali tar-raħal.

Fost il-ħafna marċi u programmi li l-banda esegwiet, sew fir-raħal kif ukoll f'diversi festi, ta' min isemmi li f'Settembru 1958 il-banda messitha x-xorti li tagħmel programm fi Pjazza Reġina l-Belt fil-festi tat-8 ta' Settembru. Darb'oħra ħadet parti fil-festi reliġjużi li jsiru fl-1 ta' Mejju fil-Furjana.

Il-Kumitat ħa ħsieb li jipprokura li l-banda jkollha innu tagħha u innu għall-festa ta' Marija Annunzjata. Dan ta' l-aħħar sar fuq versi tal-poeta Malti Dun Frans Camilleri u



Is-Sur Valentino Muscat, Kaxxier, jippreżenta r-rigal tiegħu lill-President tal-Każin, il-mejjet is-Sur Alfred Brincat, fl-okkażjoni tal-Festi Ċinkwantenarji. Jidher ukoll is-Sur Gabriel Caruana, li dak iż-żmien kien Segretarju.

SPORTS

minn Korrispondent

Kompetizzjoni ta' "Snooker" ġiet organizzata dan l-aħħar fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Nistgħu ngħidu mill-ewwel li kienet suċċess. L-ewwel ħaġa li nixtieq ngħid hija li entużjażmu kbir ħakem fil-każin tul il-kompetizzjoni: minn ixtri stikka, minn jitkellem fuq il-polza tiegħu, min igħid illi se jirbaħ dak, insomma kulħadd jitkellem fuq il-kompetizzjoni.

Għall-kompetizzjoni daħlu 23 plejer. Wara ttellgħu l-poloz fejn lagħbu 22 plejer kontra xulxin bi plejer bye. F'din il-fażi kellna logħbiet tajbin ferm; fost kollox xi sorpriża ma naqsitx, u anke nnutajna l-biża' li bdiet taħkem il-plejers waqt il-logħob. Imbagħad ġejna fit-tieni fażi fejn 12-il plejer lagħbu kontra xulxin sabiex igħaddu 6 plejers għas-semi-finali. Hawn ukoll kellna logħbiet tajba u interessanti. Għall-finali għaddew il-plejers Charles Degiorgio, John Muscat u Paul Vassallo. Wara li lagħbu 'league' bejniethom ta' 7 frames, kellna dan ir-riużltat finali —

Fl-ewwel Post ġie JOHN MUSCAT, li rebaħ Tazza li ġiet mogħtija mill-Kumitat tas-'St. Gabriel Band Club'.

Fit-Tieni Post ġie PAUL VASSALLO, li ħa Tazza li ġiet mogħtija mis-sur G. Borg, Segretarju ta' l-istess Soċjetà.

Fit-Tielet Post ġie CHARLES DEGIORGIO, li rebaħ it-Tazza illi ġiet mogħtija mis-sur L. Scicluna.

Hawn ġie t-tmiem tat-tieni kompetizzjoni li kienet suċċess u ta' kuraġġ għall-organizzaturi. It-tazzi ġew ippreżentati lir-rebbieħa mis-sur V. Muscat, Kaxxier, għan-nom tal-Kumitat tal-Każin 'San Gabriel', u mis-sur G. Borg u s-sur L. Scicluna rispettivament.

● minn paġna 1

ŻEWĠ QNIEPEN OĦRA

Il-poplu ta' Ħal Balzan ħasebbiex jakkwista żewġ qniepen oħra. Għal dan il-għan il-prokuraturi Dun Dumink Tonna, Gio Marija Zarb u Salvu Agius bdew biex jaraw kif jistgħu jakkwistaw il-flus mill-aktar fis. Bħas-soltu ħasbu jagħmlu ġabra. Din saret mal-parroċċa kollha fix-xahar ta' Jannar tal-1719 u l-ġabra laħqet 47 skud, 4 tari' u 10 ħabbiet. (6)

Anke din id-darba ma naqasx li jinstabu xi benefatturi biex igħinu x-xiri ta' dawn iż-żewġ qniepen. Fost il-benefatturi nsibu lill-istess prokuratur Dun Dumink Tonna li ta 2 skudi u 6 tari', Girgor Borg li ta 5 skudi, lil Ġużeppi Grech li ta 4 tari', u lis-sur Injazju Schembri li ta 3 skudi. (7)

Mil-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja nsibu li dawn iż-żewġ qniepen ma damux ma nxtraw. Tant hu hekk li fi żmien xahar dawn il-qniepen ġew akkwistati minn għand Ġużeppi n-neguzjant fi Frar tal-1719 bil-prezz ta' 221 skud u 7 tari'. (8)

Meta l-Isqof Paolo Alpheran De Bussan għamel il-Viżta tiegħu lil din il-Knisja, nhar il-21 ta' Settembru, 1745, fir-relazzjoni tal-Viżta tiegħu jgħidilna li t-tliet qniepen li kien hemm fil-Kampnar kienu jiżnu: Il-kbira kienet tiżen 7 qnatar, il-mezzana 3 qnatar u 74 ratal, u ż-żgħira qantar u nofs. (9)

ĦSARAT LILL-QNIEPEN

Mhux la kemm taqbad u tgħid li fil-Kampnar hemm il-qniepen u moħħok mistrieħ. Il-qniepen fil-Kampnar, allavolja tal-bronż, isibu ruħhom esposti għal maltempijiet u tempesti ta' rjieħ u xita u b'hekk faċli li jsofru ħsarat. Dan jixhduh it-tiswijiet imsemmija tul is-snin. Fost spejjeż oħra li saru lil dawn it-tliet qniepen, insibu li f'Settembru tal-1759 il-qanpiena l-mezzana saritilha ħsara u biex tiġi msewwija ġie mqabbad Mastru Dumink, ħaddied minn Birkirkara. (10)

Fl-1 ta' Lulju tal-1803 ġiet imsewwija waħda mill-qniepen mis-sur Trigance, funditur ta' l-Ordni, li ħa 12-il skud u 6 tari' u għat-trasport tal-qanpiena ġie mħallas skud u 8 tari'. (11) Fl-1814 ġiet rinnovata qanpiena minnhom li għaliha ġew imħallsa 100 skud. (12)

REFERENZI

1. Arkivju Parokkjali: Lib. 9 p. 31.
2. Ibid. Cit.,; p. 44.
3. Ibid. Cit.; p. 45.
4. Cocco Palmieri D.: Visit. Past. fol. 251. Kurja Arċiv.
5. Cocco Palmieri D.: Visit. Past. fol. 14. Kurja Arċiv.
6. Arkiv. Parr.: Lib. 8 p. 77.
7. Ibid. Cit.: p. 77-78.
8. Ibid. Cit.: p. 85.
9. Alpheran De Bussan P.: Visit. Past. p. 323.
10. Ark. Parr.. Lib. 56.
11. Ark. Parr.: Lib. 5 p. 15.
12. Ark. Parr.: Lib. 24.

ATTENTI GĦALL-ĦARĠA SPEĊJALI
TAL-GAZETTA 'ĦAL BALZAN'